MALTA

QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 81/2003

Citazzjoni numru 81/2003

Prim'Ministru

-vs-

Victor Vella Muskat

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur, il-Prim'Ministru, li wara li ppremetta illi permezz ta' decizjoni tal-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet "Victor Vella Muskat vs Onorevoli Prim Ministru" (Rikors numru 1142/97) it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja mwaqqaf bl-Att VIII ta' l-1997 iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut Victor Vella Muskat billi wara li sab l-ilment gustifikat irrakkomanda li jsir kumpens finanzjarju lill-konvenut u kkonkluda billi

“wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jordna kumpens ta’ tlett elef u sitt mitt lira (Lm3600)” u dan kif jirrizulta minn kopja tad-decizjoni hawn annessa u markata Dok A.

Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal tmur kontra l-Kostituzzjoni u hija ultra vires il-poteri tieghu taht l-Att VIII tal-1997 u inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal, u ma segwietx il-proceduri rikjesti mil-ligi u dan ghas-segwenti motivi:

1. illi in kwantu ordna illi l-konvenut sofra ingustizzja fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 meta ma giex mahtur ghall-ufficcju pubbliku ta’ Segretarju Permanenti t-Tribunal sostanzjalment ivvjola l-Artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni illi jipprovdi specifikament illi “Is-setgha ta’ hatra ta’ ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta’ Segretarju Permanenti u ta’ tnehhija mill-kariga ta’ persuni li jkunu jzommu jew ikunu qed jagixxu f’dik il-kariga tkun fil-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Minsitru jkun ikkonsulta mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.” Illi t-Tribunal ma jgawdi ebda setgha illi jzid xi rekwiziti ohra ma’ dawk specifikament stipulati fil-Kostituzzjoni u ghalhekk meta t-Tribunal iddiskuta l-process tal-hatra in kwistjoni u anke fassal kriterji illi skond hu kellhom jigu osservati fid-decizjonijiet dwar il-hatra ta’ Segretarju Permanenti huwa mar ultra vires il-poteri tieghu u kontra l-istess Kostituzzjoni.

2. illi d-decizjoni tat-tribnual ivvjolat ukoll il-Kostituzzjoni in kwantu implicitament tat direttiva dwar il-mod kif il-Prim Ministru ghandu jagixxi fil-qadi tal-funzjonijiet Kostituzzjonali tieghu dwar il-hatriet ta’ persuni ghall-kariga ukoll Kostituzzjonali ta’ Segretarju Permanenti u applikat il-kriterju ta’ l-anzjanita li mkien ma jissemma fl-artikolu 92(3) billi anke haltet l-Artikolu 92(3) ma’ l-Artikolu 92(4) dwar il-hatriet ta’ Kapijiet ta’ Dipartimenti tal-Gvern.

3. illi d-decizjoni marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal stante illi skond l-Artikolu 7(9)(b) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 t-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti decizjoni dwar jekk ilment huwiex gustifikat biss wara li jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta’ l-Estacode li

kienu fis-sehh filwaqt ta’ l-att jew ommissjoni li fuqu jkun hemm imsejjes l-ilment u d-decizjoni impunjata imkien ma turi li sar tali ezercizzju rikjest mil-ligi u anzi fic-cirkostanzi in dizamina d-decizjoni turi espressament illi dan l-ezercizzju ma sarx billi dak provdut espressament mill-Kostituzzjoni stess ma giex rispettat. Illi din l-ommissjoni tammonta ukoll ghal nuqqas ta’ osservanza ta’ proceduri stabbiliti mil-ligi.

4. illi d-decizjoni naqset milli tirrispetta l-integrita tad-decizjoni tal-Prim’Ministru kif tohrog mill-Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni.

5. illi d-decizjoni marret ukoll ultra vires t-termini ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-Att VIII tal-1997 inkwantu qieset il-hatra temporanja ghall-ufficju ta’ Segretarju Permanenti bhala hatra ta’ ufficjal pubbliku meta kien car illi l-kaz in kwisjtoni ma kienx jittratta dwar il-hatra ta’ xi persuna bhala ufficjal pubbliku ghall-ewwel darba.

Talab ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji tal-24 ta’ Frar 2003 fl-ismijiet Victor Vella Muskat vs Onorevoli Prim Ministru” (Rikors 1142/1997) hija ultra vires il-poteri ta’ l-imsemmi Tribunal billi tivvjola kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll id-disposizzjonijiet ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 kif fuq spjegat; u

2. thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni tat-tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi skond l-artikolu 469 A (1)(a) tal-Kodici tal-Procedura Civili l-ghemil amministrattiv irid jikser il-Kostituzzjoni. Illi huwa, pero’ risaputa li d-decizjonijiet tat-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma jikkostitwixxux "ghemil amministrattiv" u ghaldaqstant m'hemm l-ebda rimedju taht dan is-subartikolu.

2. illi l-motiv numru wiehed (1), kif elenkat fic-citazzjoni huwa intempestiv peress illi messu gie intavolat fir-risposta tal-Prim Ministru ghar-rikors li kienipprezenta r-rikorrenti, il-konvenut odjern quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji liema Tribunal u mhux dan il-Qorti kienet il-fora adattatat biex tisma' u tiddeciedi dwar dan l-ilment.

3. illi "it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji" ma jidholx fid-definizzjoni ta' "awtorita' pubblika" kif imfissra fl-artikolu 469A (2) tal-Kodici tal-Procedura Civili u ghaldaqstant qatt ma jista' jinghad illi l-istess decizjoni tat-Tribunal ivvjolat il-kostituzzjoni.

4. illi lanqas m'huwa minnu illi l-istess decizjoni marret kontra l-kompetenza tat-Tribunal.

5. illi lanqas m'huwa minnu li l-istess decizjoni naqset li tirrispsetta l-integrita' tal-Prim Minsitru ghas-semplici raguni li t-Tribunal laqa' l-ilment ta' l-istess rikorrenti kif ukoll huwa infondat l-aggravju illi l-hatra ghall-ufficcju ta' Segretarju Permanenti ma tidholx fid-definizzjoni ta' hatra ta' ufficjal pubbliku.

Salvi eccezjzonijet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat il-verbali taghha fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat il-verbali taghha fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni li ser tigi trattata f'din is-sentenza hija l-ewwel eccezzjoni (b'rifless ukoll fuq it-tielet) a bazi ta' liema eccezzjoni, ossia l-ewwel wahda, il-konvenut qieghed isostni li l-artikolu 469A tal-Kodici tal-Procedura Civili ma jaghti ebda bazi ta' rimedju lill-azzjoni attrici. Dina l-eccezzjoni hi espressa f'dawn it-termini: "illi skond l-Artikolu 469A (1) tal-Kodici tal-Procedura Civili l-ghemil amministrattiv irid jikser il-Kostituzzjoni. Illi huwa, pero', risaput li d-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma jikkostitwixxux "ghemil amministrattiv" u ghaldaqstant m'hemm l-ebda rimedju taht dan is-subartikolu". Fuq l-istregwa ta' din l-eccezzjoni l-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu jzid jghid li "it-Tribunal ghal-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma jidholx fid-definizzjoni ta' "awtorita' pubblika" kif imfissra fl-artikolu 469A(2) tal-Kodici tal-Procedura Civili u ghaldaqstant qatt ma jista' jinghad illi l-istess decizjoni tat-Tribunal ivvjolat il-Kostituzzjoni".

Issa dan l-artikolu jiccorkoskrivi l-limitazzjonijiet ta' l-organi gudizzjarji fl-istharrig tal-validita ta' xi ghemil amministrattiv, jew li jigi dikjarat null, invalidu jew minghajr effett, hlief:

a. meta jikser il-Kostituzzjoni;
b. meta ikun "ultra vires" minhabba
i. li jkun gie mwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata li twettqu; jew
ii. meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tieghu jew fid-deliberazzjonjijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew
iii. meta l-ghemil amministrattiv ikun jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghall-ghanijiet mhux xierqa jew jisejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux relevanti; meta l-ghemil amminsitrattiv ikun mod iehor kontra l-ligi.

L-"ghemil amministrattiv" hu mfisser fil-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li ikun sar minn awtorita' pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew

amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'; u "awtorita' pubblika" tapplika ristrettament ghal Gvern ta' Malta, maghdudnin il-Ministru u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghdud kostitwit permezz ta' ligi.

Konsegwenza ta' dan ghalhekk ghandu jemergi wisq car li l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji hija cirkoskritta u limitata kif ghandu daqstant iehor pero' ikun car li l-azzjoni ttentata mill-attur mhix dik li tattakka ghemil amministrattiv izda li tattakka sentenza tat-Tribunal ta' Ingustizzji. Veru li s-sentenza tat-Tribunal stharrget "ghemil amminsitrattiv" kif fuq kollox tali Tribunal hu tenut jaghmel a bazi tal-gurisdizzjoni u kompetenenza akkordata specifikament lilu ai termini tal-Kap 394. Izda hu bensi veru li hawnhekk a jistax jinghad li huwa dak l-ghemil amministrattiv li qed jigi mistharreg. Il-kwezit kollu tal-problematika quddiem din il-Qorti hi wahda u semplici u tinvolvi jekk din il-Qorti tistax jew le tissindika l-ghemil tat-Tribunal ta' Ingustizzji. Dan huwa l-porn principali u wahdieni ta' din il-kawza u jikkostitwixxi l-meritu uniku tal-kawza.

Issa l-Qorti qed tifhem li dina l-eccezzjoni hi intiza bhala wahda perentorja u determinattiva ghall-finijet ta' l-ezitu tal-kawza. Fuq daqshekk din il-Qorti ma taqbilx u ghaldaqstant qeghdha f'dan is-sens tiddeciedi u tiddisponi minn din l-eccezzjoni billi tichadha u tordna l-prosegwiment tal-kawza sabiex tigi trattata u deciza fuq il-meritu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

< Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------